# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sebgħa w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## *Preżenti*

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| | Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| ***Skużat*** | Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## 1. ***Talba.***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. ***Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar 2015.***

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. ***Komunikat mis-Sindku***

3.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-avukat tal-Kunsill tpoġġi kawża l-Qorti kontra l-Ufficcju Centrali tal-Istatistika, Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kummissjoni Elettorali li tgħid hekk:

"Permezz ta' dan l-att ġudizzjarju, Francis Debono bil-karta tal-identita' numru 707059M u Adrian Attard bil-karta tal-identita' numru 112171M fil-kapaċita' tagħhom ta' Sindku u Segretarju Eżekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali Marsa ta' 173, Balbi Street, Marsa filwaqt li jagħmlu referenza għall-allokazzjoni tal-fondi tal-lokalita' tal-Marsa b'dan li l-istess allokazzjoni ġiet imnaqqsa bl-ammont ta' għoxrin elf Euro fis-sena kif ukoll għall-fatt li n-numru tal-Kunsilliera ġie mnaqqas għal tlieta (3), ninfurmakhom bis-segwenti:

1. Illi l-lokalita' tal-Marsa hija lokalita' partikolari peress li hemm *open centre* li fih jirrisjedu madwar mitejn u ħames mitt persuna (200 – 500) li m'humiex reġistrati bħala residenti tal-lokalita' abbażi tal-fatt li m'humiex eleġibbli għall-vot iżda fil-prattika, tali persuni jgħixu fl-istess lokalita' u għandhom l-istess bżonnijiet u jagħmlu użu minn kull servizz li tipprovdi l-lokalita' bl-istess mod tar-residenti uffiċċjali;

2. Illi barra minn hekk, fil-lokalita' tal-Marsa hemm diversi immigranti jew persuni li m'humiex uffiċċjalment Maltin jew persuni li m'humiex eleġibbli għall-vot. Huwa fatt magħruf li tali persuni jikru postijiet fil-Marsa, isiru residenti fattwali tal-lokalita' iżda għar-raġunijiet li għalihom diġa' saret referenza, dawn ma jiġux konsidrati minnkom bħala residenti peress li m'għandhomx vot u m'humiex imniżżla bħala residenti tal-lokalita' tal-Marsa b'mod uffiċċjali;

3. Illi in vista tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi msemmija, għal finijiet ta' popolazzjoni (li mhux neċessarjament huma l-istess numru ta' persuni eleġibbli għall-vot), għandkom tikkunsidraw tali persuni bħala residenti fil-lokalita' tal-Marsa li jagħmlu użu mill-istess servizzi tar-residenti kollha l-oħra u li allura l-fondi allokati għal-lokalita tal-Marsa jiġu estiżi għalihom ukoll;

4. Illi l-Kunsill mittenti jirrileva li m'huwiex ekwu, ġust u legali li ssir distinzjoni bejn persuni li huma Maltin jew persuni li huma eleġibbli għall-vot u persuni oħrajn li m'humiex. Il-Kunsill mittenti ma jistax jagħmel distinzjoni fir-residenti fattwali tiegħu b'dan li joffri servizz lil uħud u mhux lil kulħadd;

5. Illi jirriżulta għalhekk li t-tnaqqis tan-numru tal-Kunsilliera kif ukoll it-tnaqqis mill-allokazzjoni tal-fondi għall-istess lokalita' m'huwiex wieħed ġustifikat;

Għaldaqstant, in vista ta' dak suespost, inthom interpellati sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem mil-lum, filwaqt li tikkunsidraw il-fatti hawn fuq suesposti, treġġgħu lura d-deċiżjoni tat-tnaqqis tan-numru tal-Kunsilliera f'din il-lokalita' kif ukoll li treġġgħu lura d-deċiżjoni relatata mal-fondi allokati lill-Kunsill Lokali tal-Marsa u b'hekk tikkonfermaw bil-miktub li n-numru tal-Kunsilliera fil-lokalita' tal-Marsa għandu jkun dak ta' ħamsa (5) filwaqt li l-ammont allokat fis-sena għandu jerġa' jiżdied bl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

Fin-nuqqas il-mittenti jkunu kostretti li jipproċedu ulterjorment skond il-Liġi mingħajr ebda avviż ieħor.

Il-preżenti qiegħda tkun notifikata lilkom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u a tenur fosthom tal-artiklu 889 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Kap 16 u l-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta."

Is-Sindku talab ukoll biex isir rikors aktar il'quddiem kontra l-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kummissjoni Elettorali sabiex il-Kunsill Lokali tal-Marsa jingħata lura toroq li kienu minn dejjem jagħmlu parti mill-Marsa izda ttieħdu mill-Lokalita' tal-Ħamrun li huma Triq it-Trinita', Triq Sant Antnin, Triq Nazzarenu, Sqaq Miggiani u Triq Zimelli. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-vot kien unanimu.

## 4. ***Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-5 sat-18 ta' Frar 2015***

4.1 Wara li ħadd mill-Kunsilliera ppreżenti ma kellhu kummenti u mistoqsijiet fuq il-korrispondenza s-Sindku ppropona li l-lista ta' korrispondenza tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 5. ***Schedule of Payments 3/15***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Order 3994 - 3996***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3994 sa 3996 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Purchase Request 2978 - 2980***

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2978 sa 2980 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Financial Statements 2015*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex rappreżentant mill-Kumpanija Charles Scerri & Associates jispjega għal benefiċċju tal-membri preżenti l-Financial Statements għas-Sena Finanzjarja 2015. Wara li ngħatat l-ispjega u kienet għas-sodisfazzjoni tal-membri kollha preżenti s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tar-Rapporti kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

Ma kien hemm l'ebda mistoqsijiet mill-membri prezenti.

## *10. Aġġornament tal-Laqgħa*

10.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w nofs nieqes ħamsa ta' filgħaxija (6.25pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv